MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Numru. 72/2005

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
William Caruana, iben Aurelio, imwieled Santa Venera fil-5 ta’ April, 1942, Karta ta’ l-Identita numru 309942(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, f’dawn l-aħħar snin, u cioe’ fil-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Jannar, 1999 u it-28 ta’ Frar, 2001 b’diversi atti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
approprja ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapaċita’ tiegħu bħala direttur tal-kumpanija Pyramid Hotels Limited, taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe’ approprja ruħu minn flejjes miġbura

bħala VAT mill-kumpanija Pyramid Hotels Limited liema flejjes jammontaw għas-somma ta' aktar minn Lm20,000 liema flejjes jappatjenu lill-Gvern ta' Malta u persuni oħra, u li kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu speċifikat, u dan minħabba l-professjoni, industrrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------